MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Talba Numru. 266/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**Frank Debono (ID-438733M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Jannar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' elf u erba' mija u tmienja u tmenin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1488.23), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefoniku bin-numru 337915 (skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok.A u B.)**
**Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Frar, 2001 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fl-4 ta' Frar, 2005, fejn intqal :**
**Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghaliex il-konvenut ma kellu l-ebda kontroll fuq is-servizz telefoniku fil-perijodu indikat fl-avviz.**
**Illi minghajr pregudizzju s-somma ma tirriflettix is-somma korretta dovuta mill-konvenut ghaliex fil-perijodu imsemmi huwa ma kienx jghix fid-dar fejn kien hem mis-servizz.**
**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**
**Illi fis-seduta tat-18 ta' Marzu, 2005 gie eccepit ulterjorment illi l-azzjoni hija preskritta, u ghandu jigi indikat l-Artikolu relattiv. Illi b'nota tat-18 ta' Marzu, 2005, gie indikat l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 ghall-finijiet ta' preskrizzjoni.**

**Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata fit-13 t'April, 2005, li biha it-talba attrici giet ridotta bis-somma ta' erba' mija u tmenin lira maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm480.56) rapprezentanti kontijiet tat-telefon ta' qabel il-5 ta' Frar, 1996, u b'hekk jibqa' s-somma ta' elf u seba' liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm1007.67).**

**Semgha x-xhieda ta' Frank Debono u tal-PL Noel Scerri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Il-kaz huwa ghall-hlas ta' kont ta' telefon li kien igib in-numru 337915. Il-kontijiet in kwistjoni skond id-Doka fol.3 tal-process, jirrigwardaw perijodu bejn l-1 ta' Ottubru, 1994 u l-10 ta' Settembru, 1999.**
**2. Il-konvenut fl-4 ta' Frar, 2005 talab il-kjamat in kawza ta' Maria Lourdes El Bitar Rosso peress li l-fond fejn kienet il-linja tat-telefon imsemmija kien mikri lilha skond ftehim ta' lokazzjoni datat 23 ta'**

**Lulju, 1986, Dok.A. B'digriet tal-11 ta' Frar, 2005 it-Tribunal cahad it-talba ghall-kjamat in kawza.**

**3. Gie eccepit li l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16, cioe` il-preskrizzjoni bid-dekors ta' hames snin.**

**4. Jirrizulta li kienet giet prezentata ittra ufficjali kontra l-konvenut fil-5 ta' Frar, 2001, u notifikata fid-9 ta' Frar, 2001 (fol.26 u 27). Ghalhekk kienet saret in-nota ta' riduzzjoni li tinsab a fol.21 tal-process. Tenut kont ta' din in-nota ta' riduzzjoni ma jibqghax lok ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront tal-bilanc dovut mid-9 ta' Frar, 1996.**

**5. Jirrizulta li il-konvenut ma kien effettwa it-transfer ghall-fuq Maria Lourdes El Bitar Rosso. Lanqas ma jirrizulta illi l-konvenut indenja almenu jinforma lis-socjeta` attrici dwar kif kienet is-sitwazzjoni wara li kien rcieva l-ittra ufficjali. Ir-relazzjoni guridika tas-socjeta` attrici kienet biss mal-konvenut, la ma kien gie rikonoxxut haddiehor, u lanqas ma kienet giet infurmata li kien hemm haddiehor responsabbli ghallhlas tat-telefon. Ghalhekk il-konvenut huwa responsabbli ghall-kont imsemmi, sal u impregudikat kull dritt tieghu kontra terzi.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni li l-azzjoni kienet preskritta a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u qed jilqa' t-talba attrici limitatament dwar l-ammont kif ridott, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u seba' liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm1007.67) bl-imghaxijiet dekoribbli mid-9 ta' Frar, 2001 (data tan-notifika), salv u impregudikat kull dritt pertinenti lill-konvenut kontra terzi.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopprtati in kwantu ghall zewg terzi mill-konvenut u terz mis-socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------